C/2024/5442

5.9.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-29 ta' April 2024

## li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

(C/2024/5442)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Frar 2022 [2], il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2022 sat-28 ta' Frar 2025.

(2) Post ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet sar battal wara r-riżenja tas-Sur Carlos ARRANZ CORDERO.

(3) Il-gvern ta' Spanja nnomina kandidata għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sa Aitana GARÍ PÉREZ hija maħtura membru fil-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sur Carlos ARRANZ CORDERO, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-29 ta' April 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. CLARINVAL

[1] ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.
[2] ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1.